**Ruling mogħti mill-President tal-Kamra l-Onor. Myriam Spiteri Debono, fis-Seduta 140 tat-12 ta' Novembru 1997 dwar żbalji fil-votazzjoni**

## RULING TA' MADAM SPEAKER

Is-Sedja semgħet il-point of order imqajjem mill-Onor. Kap ta' l-Oppożizzjoni u biex tasal għad-deċiżjonijiet tagħha kkonsidrat dan li ġej:

i) Ordnijiet Permanenti Nri 86 u 55;

ii) Erskine May paġna 343 - "Voice and vote"
paġna 350 - "Member Voting Twice in the Same Lobby"
paġna 362

iii) Council of Europe Rules u d-dibattitu li kien hemm riferenza għalih waqt id-diskussjoni;

iv) Ikkonsidrat u wiżnet dak kollu li ntqal.

Irid jingħad illi r-riferenza għall-proċeduri tal-Council of Europe saret biss biex is-Sedja tieħu idea komparattiva ta' x'jiġri f'fora oħra meta tinqala' s-sitwazzjoni li kellna quddiemna fis-Seduta Nru 138. Minn din ir-riferenza joħroġ illi tittieħdet l-aħħar kelma tal-votant sakemm il-vot ma ġiex iddikjarat magħluq. Dan joħroġ ukoll mill-Part VII - Voting, Rule 35 - Methods of Voting tar-Rules of Procedure tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

L-iStanding Orders tagħna - OP 86 - ma jipprovdux regola f'każ ta' żball manifest b'diskrepanza bejn il-vuċi u, għall-argument, l-intenzjoni tal-membru iżda jipprovdu biss għall-korrezzjoni jekk ikun sar żball fin-numri. Fl-Erskine May, paġna 343, joħroġ ċar illi sal-1946 il-vuċi dejjem itittieħdet bħala l-manifestazzjoni ta' l-intenzjoni: "If their voices and their votes should be at variance, the voice will bind the vote". Dan ġie nterpretat minn Membri ta' l-Oppożizzjoni, b'mod speċjali mill-Onor. Gonzi, illi r-risposta għall-ewwel tqegħid tal-mistoqsija għandha tgħodd. Dan is-Sedja tħoss li mhux argument loġiku u lanqas legali. Għaliex? Għaliex niġbed l-attenzjoni ta' kulħadd li meta jkun hemm sejħa għal division, għal votazzjoni, din effettivament m'hi xejn ħlief challenging id-deċiżjoni tas-Sedja li mistoqsija ġiet carried jew negatived u għaldaqstant huwa dak li jseħħ waqt id-division li jorbot. Is-Sedja qed tinterpreta din il-frażi bl-Ingliż mill-Erskine May, li għadha kemm ċitat aktar 'il fuq, bħala li hija l-vuċi fid-division li torbot.

Il-każijiet fil-House of Commons mill-1970-71 'l hawn, fejn il-prattika deskritta hawn fuq ġiet ikkundannata mill-iSpeaker u l-Erskine May jgħid:

> "Mr Speaker has condemned the practice of forcing a division by voice contrary to vote as irregular and unparliamentary",

m'hi xejn ħlief riflessjoni ta' l-iSpeaker. Għaliex? Għaliex minn paġna 550 ta' l-Erskine May toħroġ deskrizzjoni ta' meta kien permess li membru jagħti spjegazzjoni personali dwar il-vot tiegħu u sussegwentement għal dan l-iSpeaker ordna lill-Iskrivan jikkorreġi r-riżultat. Sew f'paġna 343, kemm ukoll f'paġna 350, joħroġ ċar illi meta membru kien permess li jikkorreġi ruħu dan sar għaliex kien hemm il-permess. Imkien ma jingħad li din kienet xi ħaġa li jippermettiha l-iSpeaker fid-diskrezzjoni tiegħu.

Irid jiġi rrimarkat ukoll il-fatt li li permess jingħata ripetutament ma joħloq ebda prassi jew konswetudni fil-liġi tagħna. L-għoti tal-permess mill-Kamra m'hu xejn ħlief eżerċitu tad-dritt kostituzzjonali tal-Kamra li tirregola ruħha, u bl-ebda mod l-għoti tal-permess ma jfisser li l-Kamra qegħda ċċedi xi drittijiet jew prerogattivi tagħha, anzi qed teżerċitahom.

Irid jiġi rrimarkat ukoll illi mill-intervent ta' l-Onor Spiteri, fejn iċċitalna dak li ġara f'seduti parlamentari ta' qabel, joħorġu żewġ affarijiet fil-mod kif jimxi l-Parlament tagħna. L-ewwel illi l-vot kif manifestat mill-vuċi m'hux revokabbli u jidher ukoll li kien hemm preżenti f'dik is-seduta li semma l-Onor. Spiteri ċerta camaraderie li żgur kien element nieqes fis-Seduta Nru 138. Meta kien hemm min żbalja f'ċirkostanzi oħra fil-Parlament tagħna dawn l-iżbalji ġew ikkorreġuti għaliex kien hemm il-permess tal-Kamra u dan rajnieh jiġri. Fis-seduta numru 138 dan il-permess ma kienx hemm u s-Sedja kellha timxi bil-giljottina tal-liġi fis-sitwazzjoni li seħħet fil-Parlament dak in-nhar, minkejja li moralment ma taqbilx u tiddeplora n-nuqqas ta' kompassjoni fil-konfront ta' xulxin.

Irid jingħad ukoll illi meta tqajjem il-point of order fuq l-OP 86 u s-Sedja tkellmet f'nofs il-votazzjoni, is-Sedja f'dak il-mument rat jekk dan l-OP jistax jinqara u jiġi nterpretat sew bil-mod kif saret l-interpretazzjoni mill-Oppożizzjoni u sew kif saret l-interpretazzjoni min-naħa l-oħra u fil-fatt ordnat li l-votazzjoni tkompli. Dan sar għaliex fl-OP 86, wara l-kelma "konfużjoni", ma teżisti ebda comma u għaldaqstant dan l-OP irid jinqara u jiġi nterpretat skond dak li jgħid l-istess Ordni Permanenti, jiġifieri li jirregola żball fin-numri li jsir mill-Iskrivan. Għaldaqstant il-votazzjoni li seħħet fis-Seduta Nru 138 torbot lil dan il-Parlament.

Irid jingħad ukoll skond l-Erskine May, paġna 362, illi:

> "That a question, being once made and carried in the affirmative or negative, cannot be questioned again but must stand as a judgement of the House."

Teżisti wkoll il-proċedura biex vot jiġi rexiss, imma din m'hijiex xi ħaġa li għandu jsir rikors għaliha spiss anzi tkun eżerċitata biss u wkoll b'mod ristrett f'każ ta' substantive motion. L-iskop wara din il-fakulta huwa li ma jirrestrinġix lill-Kamra u biex din il-proċedura tibda jrid ikun hemm avviż. L-Ordni Permanenti Nru 55 jirrifletti dan.

Fl-aħħarnett irid jingħad - u dan biex ilkoll inżommu saqajna fl-art - illi dak li ġara fis-Seduta Nru 138 ġara f'mozzjoni proċedurali li effettivament fl-intier tagħha twessa' l-ħin tad-diskussjoni dwar il-budget - materja importanti għal dan il-Parlament u nazzjonalment kruċjali fil-mument - aktar minn dak li jagħtu l-iStanding Orders, u l-membru milqut għandu iċ-ċans kollu biex f'votazzjonijiet oħra aktar sostanzjali jagħti vot li jirrifletti aħjar l-animu tiegħu.